

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-18 ta' Ġunju 2015 – CX vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-27/13) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Proċedura dixxiplinari — Rwol u kompetenzi rispettivi tal-Bord Dixxiplinari u tal-Awtorità tal-Ħatra — Sanzjoni dixxiplinari — Tniżżil fil-grad segwit minn deċiżjoni ta' promozzjoni — Proporzjonalità tas-sanzjoni)

(2015/C 245/57)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: CX (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Ehrbar, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet li jniżżlu fil-grad lir-rikorrent għall-grad AD8 skont l-Artikolu 9(1)(f) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll talba għad-danni fir-rigward tad-danni morali u materjali allegatament imġarrba.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) CX għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 207, 20.7.2013, p. 56.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-18 ta' Ġunju 2015 – CX vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-5/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sanzjoni dixxiplinari — Revoka — Nuqqas ta' smiġh tal-uffiċjal ikkonċernat mill-Awtorità tal-Ħatra — Nuqqas ta' rispett tad-dritt għal smiġh)

(2015/C 245/58)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: CX (rappreżentanti: É. Boigelot, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Ehrbar, aġenti)

Suġġett tal-kawża

It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li r-rikorrent jitneħħa mill-pożizzjoni tiegħu skont l-Artikolu 9(1) (h) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal mingħajr tnaqqis tad-drittijiet għall-pensjoni wara investigazzjoni interna li bdiet wara investigazzjoni mill-OLAF mibdija kontra impriża u talba għad-danni fir-rigward tad-danni morali u materjali allegatament imġarrba.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) *Id-deċiżjoni tas-16 ta' Ottubru 2013 li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea imponiet fuq CX is-sanzjoni li jitneħħa mill-pożizzjoni tiegħu mingħajr tnaqqis pro tempore tal-pensjoni hija annullata.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tbat i-ispejjeż ta' CX, inkluż i-ispejjeż marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji fil-Kawża F 5/14 R.*

(¹) ĠU C 85, 22/03/2014, p. 27.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-9 ta' Ġunju 2015 – EF vs SEAE

(Kawża F-65/14) (¹)

(Servizz pubbliku — Persunal tas-SEAE — Uffiċjali — Proċedura ta' promozzjoni 2013 — Deċiżjoni li r-rikorrent ma jkunx promoss għall-grad AD 13 — Oġġezzjoni tar-rikorrent għal-lista ta' uffiċjali proposti għall-promozzjoni — Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal — Minimu ta' sentejn ta' anzjanità fi grad — Kalkolu tat-terminu ta' sentejn — Data tad-deċiżjoni ta' promozzjoni)

(2015/C 245/59)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: EF (rappreżentanti: L. Levi u N. Flandin, avukati)

Konvenut: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u M. Silva, aġenti)

Suġġett

It-talba għal annullament tad-deċiżjonijiet ta' rifjut li r-rikorrent jiġi promoss għall-grad AD13 fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni 2013 minkejja li kien jinsab fil-lista ta' uffiċjali li jistgħu jiġu promossi.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *EF għandu jbati i-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannata ukoll ibati i-ispejjeż sostnuti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.*

(¹) ĠU C 380, 27.10.2014, p. 26.